MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 9/2009

**Paul Galea**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Gunju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Ikkunsidera

Illi in vista li mart l-appellat hija kuratrici ta’ l-interdetta Lukarda Saliba (vide Deg. Nru 404/07) is-somma ta' €12992.52 tappartjeni lill-istess interdetta. Ghalhekk din is-somma ma ghandhiex ttiehed in konsiderazzjoni ghal kalkolu tar-rata tal-beneficcju a favur tal-appellat.

L-appell qed jigi milqugh.”

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza d-Direttur talab ir-revoka taghha bil-kritika generali illi l-istess sentenza hi fondata fuq konsiderazzjoni errata tal-provi u ta’ l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 1 (a) (ii) tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318;

Ghal precizazzjoni c-censura tad-Direttur hi minnu suddiviza f’din l-ordni:-

1. L-appellat huwa obbligat jispecifika l-assi bankarji, sew tieghu, sew ta’ martu, fil-waqt ta’ l-applikazzjoni ghall-beneficcju tal-mard;

2. Il-fatt li martu kienet appuntata kuratrici ta’ l-interdetta Lukarda Saliba, u l-fatt li kienet tenuta tipprovdi ipoteka ma jfisserx illi l-ammont iffissat ghal dan il-fini jigi awtomatikament imnaqqas mill-assi kapitali tal-konjugi;

3. L-ammont hekk ridott (€12992.52) ma jirrizulta minn imkien mill-atti;

4. Illi li kieku certi flejjes kienu jappartjenu lill-interedetta, il-kont bankarju relattiv kien isejjah lil din, u mhux lil mart l-appellat;

5. Effettivament, mid-dokumentazzjoni esebita ghandu jirrizulta illi l-assi kapitali kienu jaqbzu fiz-zmien rilevanti l-massimu ta’ €23,300 stabbilit mil-ligi;

L-atti juru illi l-appellat kien ir-recipjent ta’ Ghajnuna ghall-Mard. Ta’ min jinnota illi fl-applikazzjoni tieghu ghal din l-ghajnuna l-appellat kien iddikjara li kellu €3600 f’akkont *savings* mal-Bank of Valletta. Invece, mid-dokumenti dwar kontijiet bankarji esebiti a fol. 28 u 29 irrizulta illi l-ammont komplessiv ta’ l-assi li kellu l-appellat u martu fi zmien ta’ dik l-applikazzjoni kien sew jeccedi dik ic-cifra;

Fit-12 ta’ Lulju, 2008 d-Direttur baghat javza lill-appellat illi hu ma kienx ghadu jissodisfa l-kriterji dettati mil-ligi ghal dik l-Ghajnuna in kwantu r-rizorsi kapitali tieghu kienu jeccedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi ffissat mil-ligi. L-appellat ma qabelx ma’ din id-decizjoni u fit-3 ta’ Awissu 2008 ressaq il-gravam tieghu quddiem l-Arbitru billi sostna illi l-ammont ta’ €12,992.52 kienu jappartjenu lill-interdetta Luikarda Saliba u mhux lil martu. Ghas-sostenn ta’ din id-difiza gew minnu prodotti kopji ta’ l-atti tal-Qorti Civili, Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja li permezz taghhom martu nhatret kuratrici ta’ l-imsemmija interedetta flimkien man-Nota ta’ Inskrizzjoni ta’ Ipoteka Legali Generali fis-somma ta’ Lm7000. Dawn huma l-fatti kollha li johorgu mir-rizultanzi istruttorji tal-kaz u li fuqhom l-Arbitru bbaza d-decizjoni tieghu;

Din il-Qorti tistqarr bla ezitazzjoni ta’ xejn illi l-akkoljiment lakoniku tal-gravam ta’ l-appellat mill-Arbitru huwa ghal kollox difettuz u d-Direttur ghamel sewwa li ddenuncja d-decizjoni. Mhux accettabbli ghall-Qorti illi l-konkluzjoni li wasal ghaliha titqieghed bhala konsegwenza ta’ dikjarazzjoni xotta xotta espressa fil-parti motivazzjonali illi s-somma ta’ €12992.52 tappartjeni lill-interdetta Lukarda Saliba. Motivazzjoni din li la hi spjegattiva, la hi razzjonali u wisq anqas intelligibbli meta raffrontata mal-provi akkwiziti. Dan qed jigi rilevat in kwantu minn imkien minn xi dokument attendibbli ma jirrizulta illi dik is-somma effettivament tappartjeni lill-assi ta’ l-interedetta. Pjuttost il-kontra hu l-kaz, kif attestat mir-rendikont dettaljat ta’ l-assi bankarji f’isem mart l-appellat. Assi dawn konsistenti f’kontijiet *savings* jew *fixed* u investiment *f’holding* specifiku, ilkoll f’isimha proprju;

Issa huwa veru illi in linea ta’ principju Qorti tat-tieni istanza ma tiddisturbax l-apprezzament ta’ l-ewwel arbitru jew aggudikatur anke ghaliex tali valutazzjoni taqa’ fil-poter diskrezzjonali ta’ min hu imsejjah biex jistharreg u jiggudika l-mertu.  Ciononostante, hu daqstant iehor veru illi dak l-istess apprezzament isir hekk sindikabbli fejn, bhal f’dan il-kaz, il-konkluzjoni tkun sorretta minn motivazzjoni inkongruwa, illogika u deficjenti ghal kollox minn kull koerenza ma’ l-elementi tal-provi attendibbli. Anzi, il-Qorti tazzarda tirrileva illi l-Arbitru ma ghamel l-ebda sforz diligenti biex jezamina akkuratament l-provi dokumentali u dan ma jistax hlief ifisser illi l-konkluzjoni minnu adotta ma hi xejn idoneja;

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ssib illi l-formazzjoni tal-konvinciment mill-Umpire hi wadha semplicistikament astratta u ma tikkorrispondix ghal vera realta tal-vicenda probatorja.  Jikkonsegwi illi d-Direttur appallant huwa kompletament gustifikat li jiddenuncja l-ezistenza tal-vizzju tas-sentenza ghal liema approda l-Arbitru.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar is-sentenza appellata u zzomm ferm id-decizjoni tad-Direttur li ssospenda l-kontinwazzjoni tal-Ghajnuna Medika lill-appellat. L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------